MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2006

Numru. 820/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. Raymond D'Anastas)**

**vs**

**David Vella ta' 22  sena, iben Emanuel u Rose Mary nee Farrugia mwieled Pieta' fit-18/7/1978 u residenti 311, u  residenti 311, Triq A. Tonna Barthet, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 345478 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi David Vella li gie akkuzat talli:

(1) fit-tlieta ta' Dicembru, 2000 f'xi hin wara nofsinhar gewwa San giljan hebb ghal Sean Cassar u kkaguna feriti ta' natura gravi u dan skond kif iccertifikaw it-Tobba Joe Abela tal-Isptar San Luqa u Dr Khan tal-Mosta ai termini tal-Artiklu 216 tal-Kapitlu 9.
(2) Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet hawn fuq, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fuq zewg nuccalijiet tax-xemx, ghad-dannu ta' Sean Cassar u Michelle Bartolo liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin pero' hija izjed minn ghaxar liri Maltin;
(3) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lill-imsemmi Sean Cassar bi kliem u anke b'oggett iebes sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;
(4) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u glied;
(5) U fl-ahhar akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet imsemmija hawn fuq kellu fil-pussess tieghu arma rregolari liema arma rregolari giet uzata ghall-offiza fuq il-persuna ta' Sean Cassar.

Rat li l-akkuzat wiegeb li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (a fol 10).

Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat il-provi kollha migjuba.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mill-atti processwali jirrizulta b’mod inekwivoku illi Sean Cassar certament sofra griehi ta’ natura gravi dan kif xehdu t-tobba Dr Khan, Dr Abela u l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri (vide rapport Dok MS a fol 75). L-gharusa ta’ Cassar Michelle Bartolo ukoll sofriet griehi ta’ natura hafifa f’dan l-incident.

Illi huwa wkoll pruvat fil-fehma ta’ din il-Qorti illi dawn il-griehi gew inflitti fuq Cassar u Bartolo mill-akkuzat (almenu ghax Bartolo xehdet li ma kienx wahdu) meta hu nizel mill-vettura Ibiza jiehu s-sodisfazzjoni ghax giet milquta minn Sean Cassar. Dan il-fatt tal-vettura, cioe li giet milquta mhux ikkontestat, ghalkemm fil-fehma ta’ l-akkuzat dan gara volontarjament mentri l-verzjoni tal-parte civile hija li dan gara ghax Cassar zelaq meta mar jghin lil Michelle Bartolo li allegatament kien se jintlaqat mil-vettura misjuqa mill-akkuzat.

Illi l-unika kontestazzjoni li hemm hi jekk meta David Vella nizel ghas-sodisfazzjoni kellux jew le f’idu “knuckle duster’’.

Fil-fatt kemm Cassar u Bartolo kienu kategorici dwar l-uzu ta’ din l-arma meta gew aggrediti. L-akkuzat minn naha tieghu nnega l-uzu ta’ dan in-knuckle duster.

Il-familja ta’ l-akkuzat, prezenti f’vettura meta din intlaqtet minn Sean Cassar, fil-verzjoni simplistika tal-fatti kif graw ukoll jghidu li f’idejn l-akkuzat ma raw xejn. Anzi nonostante ghall-fatt li Cassar kellu griehi konsiderevoli, imniehru miksur u fetha (li kellha bzonn suturi) fuq ghajnejh, allura skond ix-xhieda ohra kellu ammont ta’ demm anke ma’ hwejgu, jghidu li minn dana kollu ma raw xejn.

Dr Khan min-naha tieghu kien konvint minhabba l-uniformita’ tad-daqqiet li sofra Cassar li ntuza xi strument bhala “knuckle duste’’. Jghid fuq domanda tal-Qorti “Probably some hard instrument such as a knuckle duster. I doubt very much if the actual naked fist could cause those semi linear marks“ (a fol 26).

Izid l-istess tabib illi l-marki tal-griehi li kellu Cassar kienu tali li “... could also be compatible with three or four identical rings worn on the same hand ...“ (a fol 27) dana fuq suggeriment ta’ l-Avukat Difensur. Pero’ mbaghad izid dana fuq l-istess suggett:

“No. I excluded the fact that the marks could have been induced by rings as suggested to me by Defence Counsel, was the uniformity of the actual marks.“ (a fol 27).

Anzi Dr Khan kien kategoriku dwar il-fatt li fl-opinjoni tieghu minhabba l-uniformita’ tal-griehi, li ntuza knuckle duster u mhux xi tlieta jew erba’ crieket.

Jigi rilevat illi Dr Khan kien ra lil Cassar u Bartolo immedjament wara l-incident.

Punt iehor saljenti huwa l-fatt li meta l-akkuzat ghazel li jista’ jixhed minn jeddu qal ghal darba tnejn li hu qatt ma kellu xejn f’idejh fil-hin li hu u Cassar gew fl-idejn. Anzi jeskludi li f’idu kellu knuckle duster kif ukoll crieket.

Huwa l-istess akkuzat illi fix-xhieda tieghu avvanza t-tezi li l-griehi serji li sofra Cassar gew hekk inflitti ghaliex meta waqghu Cassar u hu ma’ l-art infexxew f’xulxin. Jghid ukoll l-istess akkuzat li ghalhekk meta persuna tircievi daqqa bil-wieqfa, d-daqqa mhux se tigi fis-sod. Izid li allura meta Cassar kien ma’ l-art, u l-akkuzat tah id-daqqiet, id-daqqiet gew fis-sod. B’hekk spjega l-akkuzat il-griehi sofferti minn Cassar.

Din hija t-tezi avvanzata wkoll mill-abbli Avukat Difensur fis-sottomissjonijiet tieghu biex tigi kkontestata t-tezi avvanzata minn Dr Khan li d-daqqa li qalgha f’ghajnejn Cassar, kienet ikkagunata minn knuckle duster.

Il-Qorti ma tistax pero’ ma tikkummentax fuq il-fatt illi l-griehi sofferti minn Cassar kienu konsiderevoli, barra dawk ta’ natura hafifa sofferti minn Bartolo meta marret tghin lill-boyfriend taghha waqt li kien qed jigi aggredit. Indikattiv huwa wkoll il-fatt illi f’din l-aggressjoni reciproka,

dejjem skond l-akkuzat, l-istess akkuzat ma giex imwegga.

Illi fil-fatt hija l-fehma ta’ din il-Qorti il-griehi sofferti minn Sean Cassar huma kompatibbli ma’ dak li xehdu l-istess Cassar u Bartolo u mhux ma’ dak li qal l-akkuzat u l-familja tieghu.

Ghaldaqstant issib lil David Vella hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan ghar-rispett ta’ l-ewwel u r-raba u l-hames akkuzi u dan wara li rat l-artikoli 216, 333 tal-Kapitlu 9 u l-artikolu 11 u 13 tal-Kapitlu 66.

Dwar il-piena rat il-verbal tal-parte civile tal-25/08/06 u qed tiddikjara li fil-konfront tat-tieni u t-tielet akkuza l-procediment hu ezawrit.

Rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9.

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat minn fejn jidher li l-akkuzat gia xellef difrejh mal-gustizzja f’reati abbastanza serji, pero’ moghti anke l-beneficcju anke tal-kapitlu 152 jidher li ma tantx gharaf jiehu l-beneficcju lilu moghti.

Jinhtieg li jigi mifhum li mhux tollerabbli din l-attitudni li qed tittiehed fejn ghal kull raguni ta’ xejn f’postijiet fejn suppost guvintur u tfajliet jinzlu ghal pjacir jinqalghu dawn l-incidenti ta’ aggressjoni akkumpanjati anke b’uzu ta’ armi. Il-griehi sofferti minn Sean Cassar huma serji, serji hafna. L-attitudni li ha l-akkuzat ma hix accettabli f’socjeta’ civilizzata u ma ghandhiex tigi tollerata.

Ghaldaqstant qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena u nofs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------